**QORTI ĊIVILI**
**(SEZZJONI FAMILJA)**

**ONOR.IMHALLEF**

**JACQUELINE PADOVANI GRIMA LL.D., LL.M. (IMLI)**

**Seduta ta' nhar il-Gimgha 10 ta' Lulju 2020**

**Rikors Numru : 15/2020 JPG**

**Kawza Numru : 21**

**ZK**

**Vs**

**SA**

**Il-Qorti:**

Rat ir-rikors ta' ZK datat 14 ta' Jannar 2020, a fol 1 et seqq., li jaqra hekk:

1) *Illi huwa iżżewweġ lil intimata SA, detentriċi tal-karta tal-identita bin-numru X fil-wieħed u tletin (31) ta' Jannar tas-sena elfejn u tnax (2012) ġewwa Y, liema żwieġ ġie reġistrat fir-Reġistru Pubbliku ta' Malta bin-numru Z u dan kif jirriżulta minn kopja taċ-ċertifikat taż-żwieġ hawn anness u mmarkat bħala Dok A.*

2) *Illi l-kontendenti partijiet xoljew u llikwidaw il-komunjoni tal-akkwisti bejniethom u effetwaw is-separazzjoni personali permezz ta' Kuntratt ta' Separazzjoni li kien ġie ippubblikat minn Nutar Dottor Annalisa Caruana fl-erbatax (14) ta' Diċembru tas-sena elfejn u sbatax ( 2017 ) kopja fotostatika qiegħda tiġi hawn annessa u mmarkata bħala Dok B.*

3) *Illi l-kontendenti partijiet irrinunzjaw mid-dritt li jitolbu u jottjenu manteniment fil-konfront ta' xulxin;*

4) *Illi mill-imsemmi żwieġ l-istess partijiet kellhom tifel bl-isem ta' IK u l-istess wild qiegħed jirċievi manteniment adegwat fil-konfront tiegħu u li għal finijiet u effetti kollha tal-Liġi kwalsiasi obbligi ta' manteniment ġew effetivament regolati fl-istess kuntratt ta' firda personali ippubblikat u konsegwentament ma teżisti ebda kwistjoni f'dan ir-rigward;*

5) *Illi r-rikorrenti iddiskuta mal-konsulent legali tiegħu, hawn sottofirmata, il-possibilita ta' rikonċiljazzjoni taż-żwieġ odjern, u kkonkluda li ma hemm l-ebda prospett raġonevoli għal rikonċiljazzjoni;*

6) *Illi l-partijiet ilhom de facto separati mill-wieħed u tletin (31) ta' Jannar tas-sena elfejn u erbatax (2014) illum il-ġurnata għaddew aktar minn erba' snin mid-data tas-separazzjoni de facto tal-kontendenti partijiet;*

7) *Illi in vista ta' dak premess, jikkonkorru l-kriterji kollha rikjesti mil-liġi għall-ħall taż-żwieġ odjern u għad-divorzju tal-partijiet.*

*Għaldaqstant, ir-rikorrenti ZK jitlob bir-rispett lil din l-Onorabbli Qorti sabiex:*

a) *Tiddikjara z-zwieġ odjern maħlul u sussegwentament tippronunzja li l-partijiet huma divorzjati għall-effetti kollha tal-liġi u*
b) *Tordna lir-Reġistratur tal-Qorti sabiex fi żmien imħolli għal daqshekk minn din l-Onorabbli Qorti javza lid-Direttur tar-Reġistru Pubbliku bid-divorzju tal-partijiet biex jirreġistrah skont il-liġi fir-Reġistru Pubbliku.*

Rat li l-atti tar-rikors promotur, d-digriet u tal-avviz tas-smiegh gew debitament notifikati skond il-ligi;

Illi fis-seduta tal-Erbgħa 17 ta' Ġunju 2020 ( fol 20 tal-process), il-Qorti gharfet lill-intimata SA bid-drittijiet legali taghha izda hi ddikjarat illi hija ma tehtiegx avukat u ma għandhiex oġġezzjoni għad-divorzju u ma għandhiex provi x'tipproduċi.

Rat ix-xhieda mogħtija permezz tal-proċedura tal-affidavit;

Rat id-dokumenti ezebiti u l-atti kollha tal-kawza;

Rat l-Artikoli 66A, 66B u 66C tal-Kapitolu 16 tal-Ligijiet ta' Malta;

**Ikkonsidrat;**

Fl-affidavit tieghu, ZK – a fol 18 tal-proċess, xehed illi huwa izzewweġ lil SA fil-31 ta' Jannar tas-sena elfejn u tnax ( 2012) ġewwa Y liema żwieġ ġie reġistrat fir-Reġistru Pubbliku ta' Malta.

Illi huwa issepara minn ma' martu permezz ta' kuntratt ta' separazzjoni li kien ġie ippubblikat minn Nutar Dottor Annalisa Caruana fl-erbatax (14) ta' Diċembru tas-sena elfejn u sbatax (2017). Illi huwa pero, ilu isseparat de facto minn ma' martu mill-31 ta' Jannar tas-sena elfejn u erbatax ( 2014) u għalhekk għaddew iktar minn erba' snin mid-data tas-separazzjoni de facto. Illi mill-imsemmi zwieġ twieled tifel bl-isem ta' IK. Illi z-zwieġ tkisser u ma hemmx prospett ta' rikonċiljazzjoni.

**Ikkonsidrat;**

Rat l-Artikoli 66A u 66B tal-Kapitolu 16 tal-Ligijiet ta' Malta fejn inghad:

***66A. (1) Kull wieħed u waħda mill-miżżewġin ikollu l-jedd illi jitlob id-divorzju jew il-ħall taż-żwieġ skont kif inhu maħsub f'dan is-Sub-Titolu. Ma jkunx meħtieg illi qabel ma jiġi mitlub id-divorzju, il-miżżewġin ikunu infirdu minn xulxin b'kuntratt jew b'sentenza. [...]***

***66B. Bla ħsara għad-dispożizzjonijiet li ġejjin ta' dan l-artikolu, id-divorzju ma jistax jingħata ħlief b'talba ta' żewġ persuni miżżewġa flimkien jew ta' waħda minnhom kontra l-oħra, u sakemm il-qorti tkun sodisfatta li:***

***(a) fid-data li jibdew il-proċeduri ta' divorzju, il-miżżewġin ikunu għexu mhux flimkien għal perjodu ta', jew perjodi li jammontaw għal, mill-inqas erba' snin matul il-ħames snin minnufih preċedenti, jew ikunu għaddew mill-inqas erba' snin mid-data tas-separazzjoni legali; u***

***(b) ma hemm l-ebda prospett raġonevoli għal rikonċiljazzjoni bejn il-miżżewġin; u***

***(ċ) il-miżżewġin u kull wild tagħhom qed jirċievu manteniment adegwat, fejn hu dovut, skont iċ-ċirkostanzi partikolari tagħhom, kif hemm maħsub fl-artikolu 57:***

***Iżda l-miżżewġin jistgħu f'kull żmien jirrinunzjaw għad-dritt tagħhom ta' manteniment: [...]***

**Ikkonsidrat:**

Jirrizulta sodisfacentement pprovat illi l-partijiet kienu zzewgu nhar il-31 ta' Jannar 2012 (Vide Dok A fol 3) u li minn dan iz-zwieg twieled tifel wieħed;

Jinsab stabbilit ukoll illi l-partijiet isseparaw legalment permezz ta' kuntratt fl-atti tan-Nutar Dottor Annalisa Caruana, datat 14 ta' Diċembru 2017 (vide Dok. B fol 4 et seqq.) Pero jirriżulta mix-xhieda bl-affidavit ta' ZK (fol 18) illi l-partijiet ilhom de facto separati mill-31 ta' Jannar 2014 u ghalhekk jirrizulta illi ilhom de facto separati ghal aktar mill-erba' snin rikjesti mill-ligi.

Jirrizulta ukoll illi manteniment dovut bejn il-partijiet ma hemmx u ma hemmx arretrati ta' manteniment dovuti lejn iben il-partijiet.

Il-Qorti tqis inoltre li jirrizulta sufficjentement ma hemm l-ebda prospett ragonevoli ta' rikonciljazzjoni bejn il-partijiet.

Ghalhekk jirrizulta illi l-attur irnexxilu jissodisfa ir-rekwiziti kollha mehtiega mil-ligi sabiex z-zwieg jigi mahlul.

**Ghal dawn il-motivi, il-Qorti taqta' u tiddeciedi billi tilqa' t-talbiet, tippronunzja il-hall taz-zwieg bejn il-partijiet u tordna lir-Registratur tal-Qrati sabiex, fi zmien xahar mill-llum, javza lid-Direttur tar-Registru Pubbliku bid-divorzju tal-partijiet biex dan jigi registrat fir-Registru Pubbliku.**

**Il-Qorti tordna li l-ispejjez jibqghu bla taxxa bejn il-partijiet.**

**Moqrija**

**Mhallef  Jacqueline Padovani Grima LL.D. LL.M. (IMLI)**

**Lorraine Dalli**

**Deputat Registratur**